REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/526

tat-23 ta' Ottubru 2020

li jirrettifika l-verżjoni Ċeka tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 111(1), il-punt (c), l-Artikolu 234, l-Artikolu 241, il-punti (a) u (c), l-Artikolu 245(4), l-Artikolu 248(7) u l-Artikolu 260(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Ċeka tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 [2] fiha żbalji fl-Artikolu 182(1), fl-Artikolu 190(1) u (2), fl-Artikolu 331(1), il-punt (a), fl-Artikolu 332(1), is-sentenza introduttorja u l-punt (a), fl-Artikolu 333(1), is-sentenza introduttorja u l-punt (a), fl-Artikolu 335(1), il-punti (a), (b) u (d), fl-Artikolu 343(5), il-punt (a)(iv), fl-Artikolu 346(1), il-punt (a), fl-Artikolu 350(1), il-punt (a), fl-Artikolu 351(1), fl-Artikolu 351(2), il-punt (c), fl-Artikolu 352(2), fl-Artikolu 355(4), il-punt (b), fl-Artikolu 377(1) u fl-Artikolu 380, il-punt (b)(i), li jbiddlu t-tifsira tat-test.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

[1] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).